**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A25-08

19 ta' Diċembru 2008

**<u>Avviż tal-Laqgħa Nru K5/25</u>**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tlieta 30 ta' Diċembru 2008, fis-2.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Affarijiet Oħra
6. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

29 ta' Jannar 2009

Ref Nru.Klg5/025

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/25 li saret it-Tlieta 30 ta' Diċembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fis-2.00 p.m.

Preżenti

Erba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Ian Micallef u Victor Rutter minħabba mpenn ta' xogħol u l-Kunsillier Malcolm Camilleri minħabba li kien indispost (marid).

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fid-19 ta' Diċembru 2008.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillieri skużati kienu bagħtu jinfurmaw lill-Kunsill permezz ta' *e-mails*.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 27 ta' Novembru 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Paġna Nru: 5 para 2.1 it-tieni paragrafu wara l-frażi 'bil-prezz hawn fuq imsemmi kif ukoll' trid tiżdied il-frażi 'il-*Cleansing Services Department* jikkonferma x-xogħol tal-manifatura'.

Din il-korrezzjoni tressqet mill-Kunsillier Anthony Abela, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Paġna Nru: 8 para 3.7. **–** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu dan il-paragrafu ma kienx ġie trattat waqt il-laqgħa.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tisma r-reġistrazzjoni tal-minuti biex tivverifika jekk din il-materja ġietx diskussa jew le.

Wara diskussjoni qasira l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. Paġna Nru: 5 para 2.2. –** Il-Kunsill ġie nfurmat, li fid-29 ta' Diċembru 2008, kienet saret laqgħa mas-Sinjuri Martin Saliba u Joseph Bezzina, rappreżentanti tal-*Cleansing Services Department.* Matul id-diskussjoni li saret, intqal li għandu jiġi deċiż il-post fejn ser tinbena latrina pubblika ġdida minħabba li dik eżistenti żviluppatilha struttura ta' periklu u għalhekk kellha tingħalaq għall-użu tal-pubbliku kif ukoll, din tagħmel parti mir-rotta ta' fejn ser tinbena l-*Manoel Island Link Road*.

Intbagħtet ittra lill-kuntrattur Emanuel Mifsud, li b'eżitu tal-fatt hawn fuq imsemmi, l-kuntratt attwali tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ġie sospiż sakemm il-Kunsill jerġa jikkomunika miegħu u għaldaqstant, l-aħħar pagament kien ser ikun dak għax-xahar t'Ottubru 2008.

**2.2. Paġna Nru: 6 para 8.1. –** Il-Kumitat maħtur *ad hoc* waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill evalwa s-sottomissjonijiet għat-*tender* GLC02/2008 – *Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira* u rrakkomanda r-*rating* hawn taħt imnizzel partikularment minħabba l-fatt, li d-ditta *Polidano Bros Ltd* hi fil-fehma tagħhom, l-aktar attrezzata mis-sottomettenti.

| | |
|---|---|
| *Polidano Bros Ltd.* – Luqa | €151,184.55 VAT inkluża |
| *Road Maintenance Services* | €149,614.74 VAT inkluża |
| *V & C Contractors* – Mosta | €175,904.57 VAT inkluża |

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill kien qed jirrakkomanda li dan il-Kumitat jiltaqa' ma' rapprezentanti tad-ditta *Polidano Bros Ltd* biex jibdew id-diskussjonijiet.

**2.3. Paġna Nru: 6 para 5 – Mozzjoni – Konservazzjoni ta' l-enerġija u sabiex jitnaqqas il-konsum ta' l-elettriku.**

Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Ian Micallef li ma kienx isib ebda oġġezzjoni li l-mozzjoni soprċitata, titressaq fil-laqgħa ta' Jannar 2009.

**2.4. Paġna Nru: 6 para 6.1 –** Inqrat ir-risposta li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart domestiku, tindif u manutenzjoni tal-*bins on wheels* li tgħid li l-i*specific conditions* tal-ġbir ta' l-iskart ma jippermettux illi r-rati miftehma fil-kuntratt oriġinali jinbidlu. Għaldaqstant, jekk il-kuntrattur jibqa' jsostni li jitlob iż-żieda ta' 10%, il-Kunsill ma jkollox triq oħra ħlief li jittermina l-kuntratt preżenti u l-Kunsill jista' jiġbor u jagħżel tlett kwotazzjonijiet għas-servizz għat-tlett xhur li ġejjin.

**2.5. Paġna Nru: 7 para 9.1 – *Tender for the Installation & Commissioning of Lifting Platform – Activities Centre Gżira***

Il-Kunsill ġie nfurmat, li wara li d-ditta Elmein Ltd kienet ngħatat l-informazzjoni meħtieġa dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill rigward it-*tender* hawn fuq imsemmi, din bagħtet ittra ta' oġġezzjoni rigward id-deċiżjoni tal-Kunsill skont it-terminu ta' Sezzjoni 12 ta' l-Avviż Legali 157 ta' l-1993 (*Local Councils Tendering Regulations*) flimkien ma' ċekk għall-ammont ta' €116.48.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll, li fit-22 ta' Diċembru 2008, intbagħtet ittra lid-ditta hawn fuq imsemmija fejn intbagħat lura ċ-ċekk u ntalbet kopja ta' sezzjoni 12 ta' l-Avviż Legali 157 ta' l-1993.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li nikkuntattjaw lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan il-każ.

**2.6. Paġna Nru: 8 para 3.4 –***Bus Shelter* fi Triq D'Argens

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-risposta ta' l-Avukat tal-Kunsill, Dott Edward Woods fejn qal li l-Avukat ta' Gasan Properties Ltd irrefera għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.79 li fil-fehma tiegħu din mhix ċara bizzejjed u talab lill-Kunsill jikkomunika miegħu jekk xtaq jiddiskuti aktar fil-fond din il-kwestjoni.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lill-Kunsillier Ian Micallef sabiex jagħti xi ħjiel dwar din il-materja.

**2.7. Paġna Nru: 8 para 3.9. –** Il-Viċi-Sindku ta rendikont tal-*half day Seminar* dwar *Educational Programmes 2007-2013* fejn fost affarijiet oħra qal, li l-*contact person* ser tkun Ms Maria Schembri.

**2.8. Paġna Nru: 9 para 3.16 –** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Viċi-Sindku flimkien mal-Kunsillier Joe Camilleri kienu ltaqgħu ma' Father Marius Zerafa dwar il-pitturi ta' Esprit Barthet fejn dan ta' l-aħħar li hu espert ta' l-arti ma xtaqx jagħti prezz. Għalhekk ġie deċiż, li l-Kunsill jibqa' f'kuntatt mal-*Bank of Valletta* u jinnegozja l-prezz.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li f'dan l-istadju, l-Kunsill għandu jikteb ittra lid-ditta GasanMamo bħala ringrazzjament għall-parti mill-i*sponsorship* (€2,329.38) u jinfurmah bl-eżitu tal-parti l-oħra ta' l-i*sponsorship*.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-30 ta' Diċembru 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Inqrat *e-mail* datata 24 ta' Diċembru 2008, mibgħuta mill-Kunsillier Ian Micallef fejn qal, li l-Kunsill aġixxa ultra vires u rrifjuta l-ħruġ ta' permess mingħajr raġuni valida skont il-Liġi.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li legalment il-Kunsill ma jistax ma joħroġx permessi iżda l-Kunsill ilu mit-tieni sena ta' l-esitenza tiegħu li kien responsabbli mill-ħruġ tal-permessi, li addotta proċedura li fi żminijiet tal-festi, dawn ma jinħarġux. Hi kompliet tgħid, li b'konsegwenza ta' ħsarat fuq l-armar tal-festa matul il-festa tal-lokalita', il-Kunsill kien beda jwaqqaf il-permessi matul din il-ġimgħa liema proċedura, ġiet estiża wkoll għall-perjodu tal-festi tal-Milied.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li b'din il-materja għandna ninfurmaw lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lis-Segretarju Parliamentari Dott. Chris Said u kkupjata lill-Kunsillier Ian Micallef.

**3.4.** Tressqu ħames kwotazzjonijiet kif ukoll *spreadsheet* rigward is-suffett għall-*Activities Centre* li kienu:

| | |
|---|---|
| Deo Attard | €3,075 *exc. VAT – vinyl material with installation* |
| Gypsum2000 | €2,950 *inc. VAT – not vinyl faced* |
| I.D.S. Ltd. | €1,851.25 *exc. VAT* |
| CD Gypsum Works | €2,562.30 *inc. VAT* |
| Makaw Ltd | €2,212.50 *inc. VAT – vinyl material* |

F'dan l-istadju l-Kunsillier Joe Camilleri talab biex ma jieħux parti fid-diskussjoni u ħareġ barra mill-kamra minħabba konflitt ta' interess.

Il-Kunsill ġie nfurmat, li meta s-Sindku u l-membri tal-Kunsill kienu kkuntattjati bit-*telephone*, kienu qablu mar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat li rrakkomanda lid-ditta Makaw Ltd.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kemm il-Kunsillieri Joe Camilleri u Malcom Camilleri kienu astjenew milli jagħtu deċiżjoni minħabba konflitt ta' interess.

Għalhekk, wara diskussjoni qasira, l-Kunsill reġa' rrakkomanda d-deċiżjoni tiegħu unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tintagħżel id-ditta Makaw Ltd għall-prezz ta' €2,212.50 *inc. VAT, vinyl material*.

Il-Kunsillier Joe Camilleri reġa' daħal għall-laqgħa.

**3.5.** Ingħatat kopja ta' l-istedina għall-awguri għas-sena 2009, mal-President tar-Repubblika, l-Prim Ministru u l-Arċisqof ta' Malta lill-membri preżenti filwaqt li l-istess stedina ntbagħtet b'*e-mail* lill-Kunsillieri kollha.

**3.6.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intbagħtet kopja tad-dokumentazzjoni mitluba nkluż l-ispjegazzjoni neċessarja dwar it-talba għall-self mill-bank lis-Sur Silvio Frendo – Dipartiment għall-Gvern Lokali, kkupjata lis-Segretarju Parliamentari Dott. Chris Said.

**3.7.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-ewwel seduta fl-atti ta' l-arbitraġġ kienet ser issir fit-12 ta' Jannar 2009 u kopja tal-korrispondenza ntbagħtet lill-Avukat tal-Kunsill Dott. Edward Woods rigward vettura WWW 649 li kienet ġarbet ħsarat fi Triq Reggie Miller u kienet qed tintalab is-somma ta' €783.44

**3.8.** Il-Kunsill iddeċieda li għandna nitolbu kopja kemm tal-permess tal-*MEPA* kif ukoll, tat-*Trading Licence* lid-ditta *G & N Technologies Ltd* biex ikun jista jopera l-*Internet Café*, qabel mal-Kunsill japprova t-talba għall-installazzjoni ta' *U-Shape barrier*.

**3.9.** Inqrat ittra li ntbagħtet mill-Kor Parrokkjali Fjur tal-Karmelo tal-Gżira għal talba ta' għajnuna għall-ammont ta' €175. għas-*sound* u d-dawl sabiex ġie organizzat *The Rainbow Christmas Concert* fil-Knisja Parrokkjali b'risq ir-*Rainbow Ward* ta' l-Isptar Mater Dei.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li s-Sur David Grasso li kellu jipprovdi s-*sound* u d-dawl, joħroġ l-*invoice* direttament fuq il-Kunsill sabiex sussegwentament il-Kunsill jgħaddi l-ħlas mitlub.

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tingħata s-somma ta' €120. lir-Radju RTK b'risq il-kampanja d-Dar tal-Providenza.

**3.11.** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Accountant* tal-Kunsill, s-Sur Mario Magro Conti li b'effett immedjat kien qed joffri r-riżenja tiegħu minħabba bdil fl-iskeda tax-xogħol tiegħu li kienet ser taċċedi l-ħin normali tax-xogħol. Inkluż ma' l-ittra, bagħat lura kemm iċ-ċekk ta' April, Mejju u Ġunju 2008 għall-ammont ta' €419.29 kif ukoll, dak ta' Lulju Awwissu u Settembru 2008 għall-istess ammont.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li r-riżenja tiġi aċċettata meta persuna oħra tiġi appuntata liema persuna, tkun trid tingħata *hand over* mis-Sur Mario Magro Conti. F'dan ir-rigward għandha tiġi ppubblikata *Expression of Interest.* Għaldaqstant, sakemm tiġi eżawrita din il-proċedura, l-Kunsill kien ser jirreferi għas-Sur Mario Magro Conti dwar *issues* finanzjarji.

F'dan l-istadju, l-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu għandna nibgħatu ninfurmaw lis-Sur Silvio Frendo tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u nippubblikaw *Expression of Interest* għall-*accounting and other ancillary services*.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv telqet mill-laqgħa minħabba li nqalet ċirkostanza personali li ma kelliex pre avviż fuqha.

**3.12.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv qrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Joe Bugeja dwar il-ħlas ta' *Embellishment Works fil-Gżira Housing Estate* fejn il-Perit kien qed jissuġġerixxi li jinżamm 5% ekwivalenti għall-ammont ta' €1,230.80 mis-somma totali ta' €24,616.05 minħabba xi nuqqasijiet li kienu għadhom ma sarux mill-i*snag list*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela ma' dak li ssuġġerixxa l-Perit u għalhekk għandu jitħallas 95% mis-somma ekwivalenti għall-ammont ta' €23,385.25 lill-kuntrattur *Road Maintenance Services Ltd*.

**3.13.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 879 sa Nru. 943 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Saru xi kjarifiki rigward:

*Request Sheet* Nru: 929 – Mario Magro Conti - €419.29 – *Accountant October November December 2008*.

Wara deċiżjoni meħuda aktar 'l fuq f'*item* Nru: 3 Korrispondenza para 3.11 ġie deċiż li din ir-*request sheet* tiġi rtirata.

*Request Sheet* Nru: 934 – Mr. Emanuel Mifsud – *Invoice No: 2397666 – Public Convenience November 2008*.

Il-Kunsill iddeċieda li din ir-*request sheet* tiġi wkoll irtirata, minħabba deċiżjoni meħuda aktar 'l fuq f'*item* Nru: 2 Materji Konnessi para 2.1.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 879 sa Nru. 943 minbarra Nru: 929 u 934 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**5. Affarijiet Oħra**

**5.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li fit-8 ta' Jannar 2009, ser jiġi organizzat il-*party* għall-ħaddiema, membri tas-Sotto Kumitati u persuni li jagħtu servizz lill-Kunsill kif ukoll, fis-16 ta' Jannar 2009, ser issir l-attivita' għall-membri tal-Kunsill, l-i*staff* tal-Kunsill flimkien mal-Periti, Avukati, l-*Accountant* u l-*Contract Manager* flimkien man-nisa jew l-irġiel tagħhom.

**5.2.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kappillan xtaq *drop kerb* quddiem l-*Adoration Chapel* li qed tiġi restawrata fi Triq Carlo Manche'.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**5.3.** Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar ir-*refund* tal-programm Ħadd Għalik kif ukoll, tal-proġett tas-*Central Strip* tax-Xatt mill-U.I.F.

Huwa kompla jgħid li xtaq li d-ditta J.F. Mallia Ltd tagħti stima tal-ħsara li hemm fid-dawl ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja.

**5.4.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li jekk kemm –il darba l-latrina pubblika terġa' tinbena mill-ġdid, il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa oħra u jitlob li l-Kunsill jipprovdi l-materjal filwaqt li d-Dipartiment jipprovdi l-*labour*.

**5.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ntbagħtu żewġ *faxes* lid-ditti *E. Calleja & Sons Ltd* u *Nexos Lighting* sabiex tintbagħat lista ta' prezzijiet dwar *photovoltaic lights* li setgħu jiġu nstallati kemm fix-Xatt kif ukoll, fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira u dan b'eżitu tal-fatt, li l-Kunsill kien irċieva *Memo 38/2008* – Skema dwar proġetti *Energy Saving* dwar skema ta' rimborż sa massimu ta' €10,000 fuq xiri ta' *Energy Saving Lights.*

**6. Laqgħa Oħra**

**6. 1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, ċ-*Chairman* awgura s-sena t-tajba lil kulħadd.

Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

**Ref No: K424/119/08**

**30 December 2008        KLG5/25**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 879 | GO plc invoice 21384248 tel No: 21341616 Calls Nov 08 Rent Dec 08 | 28.73 | 5682 |
| 880 | GO plc invoice 21385077 tel No: 21322157 Calls Nov 08 Rent Dec 08 | 271.78 | 5681 |
| 881 | GO plc invoice 21384237 tel No: 21334254 21341034 calls Nov 08 Rent Dec 08 | 94.67 | 5683 |
| 882 | Alfa Co. Ltd invoice 49790 Eco Tax re: photocopier | 2.75 | 5712 |
| 883 | C.S.D. Office Trade invoice 24225 Stationery | 14.87 | 5713 |
| 884 | Ideas Ltd invoice dtd 28.11.08 two digital cordless telephones | 280.00 | 5714 |
| 885 | Squire Bookshop invoice 6842 newspapers November 2008 | 35.85 | 5715 |
| 886 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10314 Job No: 8222 Road Markings | 32.26 | 5716 |
| 887 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10337 Job No: 8270 Road Markings | 45.65 | 5717 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **888** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10338 Job No: 827 Road Markings** | **184.16** | **5718** |
| 889 | **CANCELLED** | | |
| **890** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10339 Job No: 8272 Road Markings** | **178.98** | **5719** |
| **891** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10340 Job No: 8273 Road Markings** | **137.84** | **5720** |
| **892** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10351 Job No: 8353 Road Markings** | **131.35** | **5721** |
| **893** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10352 Job No: 8224 Road Markings** | **183.00** | **5722** |
| **894** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10353 Job No: 8225 Road Markings** | **99.86** | **5723** |
| **895** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10367 Job No: 8321 Road Markings** | **149.88** | **5724** |
| **896** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10368 Job No: 8322 Road Markings** | **93.51** | **5725** |
| **897** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10369 Job No: 8323 Road Markings** | **226.80** | **5726** |
| **898** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10370 Job No: 8324 Road Markings** | **178.22** | **5727** |
| **899** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10371 Job No: 8325 Road Markings** | **31.02** | **5728** |
| **900** | **David Grasso Attivita' Pjazza Meme' Sicluna 01.12.08** | **70.00** | **5729** |
| **901** | **Steve R. Farrugia invoice No: 54 Street Sweeping grass cutting Mech Sweeper (45 min) for the month of November 2008** | **4627.28** | **5730** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **902** | **Steve R. Farrugia Invoice No: 55 Extra services for the Month of November 2008** | **378.52** | **5731** |
| **903** | **Anton Zarb invoice AZ 160-08 – one bench for Pjazza Meme' Scicluna** | **515.66** | **5732** |
| **904** | **Env. Landscapes Cons. Ltd. invoice 4608 maint Soft Areas November 2008** | **2212.92** | **5733** |
| **905** | **Bitmac Works Ltd – Tarmac Sacks** | **77.00** | **5654** |
| **906** | **J. Lautier Co. Ltd Bill No: 20016353 iron bars** | **157.48** | **5653** |
| **907** | **Benny's Frame Shop invoice 002942 frame Mayor's photo** | **55.00** | **5734** |
| **908** | **Mark Donald Galea invoice No: 625 Triq Belvedere reconnection of rainwater culvert** | **188.80** | **5735** |
| **909** | **Dept Gvern Lokali receipt No: 60 Advert in Malta Indep Glc01/2008 lift Glc02/2008 Ġnien appr.30.10.08 – KLG5/23** | **25.00** | **5650** |
| **910** | **Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Laqgħa għas tas-Sindki 5 u 6 ta' Diċembru 2008** | **130.00** | **5649** |
| **911** | **Greenlines Env.Serv. inv.14924 – 2 mobile toilets at Gżira Gardens Nov.19 – Nov 30** | **141.60** | **5736** |
| **912** | **Gżira United Football Club għajnuna spejjeż dawl u sound 19/07/08 u 30/08/08** | **350.00** | **5648** |
| **913** | **Welcome Garage invoice pt 812 tfal ta' l-iskola ħarġa fil-Birgu appr 29.09.08 klg5/22** | **47.00** | **5707** |
| **914** | **Airconditioning George Giordmaina invoice 0160/0159 Activities Centre** | **3610.57** | **5631<br>5647** |
| **915** | **Wise Owl Publications invoice 122 Kotba Librerija Pubblika** | **44.69** | **5737** |
| **916** | **G4S (Malta) Ltd – 2 Trips Cash in Transit invoice 26282 November 2008** | **15.13** | **5738** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 917 | Dr. Edward Woods Legal Advisor for the October November December 2008 | 494.76 | 5739 |
| 918 | Mr. Alfred Portelli Contract Manager October November December 2008 | 745.42 | 5711 |
| 919 | J.F. Mallia Ltd invoice 23 maint. 5 toroq Cuschieri Reid Belvedere GiaTua N.Ellul | 180.66 | 5740 |
| 920 | J.F. Mallia Ltd invoice 27 maint bozzoz | 102.50 | 5741 |
| 921 | J.F. Mallia Ltd invoice 28 bozza 89 St. Street | 394.99 | 5742 |
| 922 | J.F. Mallia Ltd invoice 29 bozza W139 Sir Hilderbrand Oakes | 22.51 | 5743 |
| 923 | J.F. Mallia Ltd invoice 30 bozza W028 Triq San Gorg | 150.00 | 5744 |
| 924 | J.F. Mallia Ltd invoice 31 bozza W053 Triq ir-Rebħa | 22.51 | 5745 |
| 925 | J.F. Mallia Ltd invoice 32 Ramel u Cement plus il-ġarr tal-materjal | 60.00 | 5746 |
| 926 | Union Print Ltd invoice 19154 printing of 25 Receipt Books | 132.16 | 5747 |
| 927 | Melita plc invoice 25969795 Hello Service 08.12.08 – 07.01.09 | 115.47 | 5748 |
| 928 | GO plc invoice DS01497 (01.05.07 to 30.06.08) Govt Access | 961.96 | 5760 |
| 929 | Mario Magro Conti Accountant October November December 2008 | 419.29 | nil |
| 930 | The Toolbox invoice 8141 & 8217 | 52.38 | 5751 |
| 931 | Mr. Joe Borg invoice No: 96 Duck Food December 2008 | 46.59 | 5749 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 932 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397664 Door to Door Collection December 2008 | 5590.50 | 5752 |
| 933 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397665 Hire of Skips December 2008 | 432.87 | 5753 |
| 934 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397666 Public Convenience November 2008 | 836.06 | Cancelled |
| 935 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397667 Bulky Service November 2008 – 156 Calls | 853.95 | 5754 |
| 936 | Kumitat Festi Esterni armar ta' Arbli matul ix-Xatt tal-Gżira u Pjazza Meme' Scicluna għad-dawl tal-Milied | 150.00 | 5709 |
| 937 | Victor Tedesco – Armar tal-Milied fix-Xatt | 1165.00 | 5750 |
| 938 | Mr. Charles Micallef St. John – Ktieb Suwed Ulied il-Lejl – Lunzjat | 9.30 | 5755 |
| 939 | D'Aniens Development Ltd – one year rent Activities Centre 19.12.08 to 18.12.09 | 9,358.60 | 5708 |
| 940 | Joe Bugeja Associates invoice No: 76 two site visits and 2 reports re: No: 9 Pjazza Meme Scicluna | 54.96 | 5756 |
| 941 | Wise Owl Publications Invoice No: 133B 3 Volumes Malta At War | 83.97 | 5757 |
| 942 | Alfa Co. Ltd. Invoice 49467 Copies & Rentals – photocopier | 276.74 | 5758 |
| 943 | Stardelta Hardware Store invoice No: 3993447 | 4.32 | 5759 |